Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

Data tal-laqgħa: 29 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.24pm. Is-Sindku skuża ruħu peress li wasal tard minħabba impenji tax-xogħol.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 13. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

14.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG il-minuti ġew approvati.

## 14.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

14.3.1 <u>Para 13.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
L-*electrician* għandu jiġi din il-ġimgħa biex iżid id-dawl mas-siġar u jara kif ser jgħaddi l-*wire* minn taħt il-bankina.

14.3.2 <u>Para 13.3.2 - *Framework Agreement – Public Works*</u>
Is-SE infurmat li bqajna ma rċivejna l-ebda tweġiba mill-*Public Works* dwar x'hemm kopert f'dan il-*Framework Agreement.* Is-Sindku se jikteb direttament lis-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Omar Farrugia.

14.3.3.1 <u>Para 13.3.3 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)</u>
Is-Sindku infurma li reġa' bagħat *reminder* lill-TM dwar din il-problema. Din id-darba ġie ikkupjat il-Ministru peress li bqajna mingħajr risposta. Sadanittant, ir-residenti qed ikomplu jsofru b'din il-problema għax qed ikollhom il-garaxxijiet kontinwament imblukkati.

14.3.3.2 Residenta minn dik iż-żona qed titlob biex dan l-ispazju inkwistjoni li preżentement qiegħed kaxxa safra, isir kaxxa bajda. Din it-talba ma ġietx approvata għax kaxxa bajda se żżid il-problema tal-garaxxijiet.

14.3.4 <u>Para 13.3.9 - Talba biex issir grada qabel ma jibda t-taraġ tal-bandli</u>
Is-SE infurmat li qed tistenna kwotazzjonijiet ġodda.

14.3.5 <u>Para 13.3.11 – Petizzjoni biex isir *Residential Parking Scheme* fi Triq il-Qarċilla</u>
Ġiet innotata r-risposta mibgħuta minn TM fejn qed jinfurmaw li din l-iskema ta' parkeġġ ilha wieqfa mill-2013 u għaldaqstant TM mhux qed tipproċessa applikazzjonijiet ġodda. Is-Sindku talab li nibgħatu din ir-risposta lill-AKL, peress li ftit taż-żmien ilu kienu talbu l-Kunsilli jelenkaw lista ta' toroq li jixtiequ jagħmlu bir-*Residential Parking*. Se nitolbu wkoll aġġornament fuq l-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill.

14.3.6 <u>Para 13.3.13 - Talba għal *cigarette bin* (fejn il-Każin tal-PN)</u>
Is-SE infurmat lis-*cigarette bin* twaħħal.

14.3.7 <u>Para 13.12.1 - Talba biex il-*bollards* ta' quddiem il-Knisja jiġu irtirati ftit il'ġewwa</u>
Is-SE infurmat lix-xogħol se jsir aktar il' quddiem.

14.3.8 <u>Para 13.12.4 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal</u>
Is-Sindku talab li nibgħatu *reminder* lill-HSBC għax it-tabella għadha ma twaħħlitx.

## 14.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.4.1 <u>PA/04765/25</u>
Is-Sindku għamel referenza għal applikazzjoni ta' żvilupp fejn qed tiġi proposta blokka massiva appartamenti

bejn Ħal Lija u Ħal Balzan. Is-Sindku infurma li saret laqgħa mal-Kunsill ta' Ħal Lija bl-eventwalità li naħdmu flimkien biex inressqu l-oġġezzjonijiet tagħna għal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva li naħdmu flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija biex nissottomettu oġġezzjoni u jinqasmu l-ispejjeż bejn iż-żewġ Kunsilli. It-*town planner* ta' Ħal Lija se tkun qed tipprepara ittra ta' oġġezzjoni f'isem iż-żewġ Kunsilli. Din l-ittra se tiġi ppubblikata biex ir-residenti li jixtiequ joġġezzjonaw, jużaw l-ittra.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u tiġi diskussa *item* 14.6 peress li l-*accountant* tal-Kunsill kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

14.6.1.1 Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2025

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

14.6.1.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier AG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

14.6.2.1 *Financial Projections* għall-ħames (5) snin li ġejjin

L-*accountant* ippreżenta rapport tad-dħul u l-ispejjeż proġettati għall-ħames (5) snin li ġejjin. Id-dħul ġie bbażat fuq kif normalment nirċievu allokazzjoni, filwaqt li l-ispejjeż ġew ibbażati fuq kuntratti u spejjeż attwali, u xi żidiet li jista' jkun hemm matul is-snin li ġejjin.

**F'dan il-ħin (5.42pm) il-Kunsillier ONDG daħal għal-laqgħa.**

14.6.2.2 L-*accountant* spjega li jekk l-ispejjeż jibqgħu skond kif proġettati, il-Kunsill għandu jkollu *surplus,* però mill-2030 l'hemm qed jiġi proġettat *deficit.* Dan dejjem qed nassumu li m'hemmx spejjeż maġġuri. Dan jiġri għax l-ispejjeż qed jiżdiedu b'rata għola meta mqabbel mad-dħul.

14.6.3 *Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Ħal Balzan using Environmentally Friendly Products and Practices* – BLC 02/2025

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 02/2025. Is-Sindku spjega li minn erba' (4) offerti, wieħed biss kien konformi, però l-offerta hija aktar mid-doppju tal-*budget* tal-Kunsill. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li ma jagħtix din l-offerta għax m'hemmx fondi biżżejjed disponibbli. Kien hemm qbil li terġa' tinħareġ sejħa ġdida aċċellerata.

## 14.4 Komunikazzjoni mis-Sindku - Kontinwazzjoni

14.4.2.1 Bankina fi Triq il-Kbira

Is-Sindku infurma lill-Kunsill b'*email* li rċieva mingħand resident li joqgħod eżatt fejn il-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata jistaqsi fuq il-bankina li kellha mill-ġdid minn IM meta ssir Triq il-Kbira. Ir-resident qed jitlob lill-Kunsill biex jintervjeni, peress li għadda ż-żmien u baqa' ma sema' xejn dwar meta se ssir.

14.4.2.2 Ġie rrimarkat li l-Kunsill bagħat diversi *emails* lill-IM biex jinfurmawna meta se ssir it-triq, però qatt ma rċevejna tweġiba. Kien hemm qbil biex għalissa tiġi rranġata temporanjament mill-ħaddiema tal-Kunsill bl-inqas spejjeż possibbli, għax din se ssir mill-ġdid minn IM. Apparti minn hekk, lir-resident se noffrulu biex jekk irid napplikaw ma' TM biex jiġu installati *U-bars*.

14.4.3 *iBiNs Collaboration Agreement*

Is-Sindku infurma li l-GreenPak reġgħu bagħtu *reminder* biex niffirmaw l-*agreement,* Bħala Reġjun kienu qablu li ma naċċettawx meta jiġu jimponu miżuri. Is-Sindku qal li bħala Reġjun bagħtu lill-ERA dwar din il-kwistjoni u s'issa għadhom ma wieġbux. Il-pożizzjoni tar-Reġjun għadha, li f'dan l-istadju ma niffirmawhx l-*agreement.* Se nibgħatu reminder lir-Reġjun Tramuntana biex naraw jekk ħadux risposta mill-ERA.

14.4.4.1 *Telephone Box* fil-Pjazza

Bħalissa hemm resident anzjan minn Ħal Lija li qed jieħu ħsiebha fejn poġġa mejda b'xi kotba. Il-Kunsill japprezza l-isforz li qed jagħmel, però jista' jkun hemm titjib. Is-Sindku infurma li tkellem ma' residenta li wkoll offriet li torganizza t-*telephone box*. Din ir-residenta għandha xi idejat ta' kif tista' ttejjeb id-dehra tagħha u tiġi organizzata aħjar.

14.4.4.2 Peress li l-GO plc qatt ma tawna permess namministrawha, ma jistax isir tibdil permanenti u għalhekk kwalunkwe xogħol inkluż xkaffar irid isir b'mod temporanju u ma jsir xejn mal-istruttura. Il-Kunsill approva li jinxtara xkaffar. Kien hemm qbil ukoll li t-*telephone box* titqaxxar u tinżebagħ mill-ġdid bl-istess kulur aħmar, għax preżentement il-kulur tant iċċara li ġie roża.

14.4.4.3 Is-Sindku qal ukoll li se jlaqqgħa lil dawn iż-żewġ residenti biex jgħinu lill-xulxin.

14.4.5 Wesgħa Ġiġi Gauci

Is-Sindku issuġġerixxa li nżidu xi pjanti fil-konok. Il-Kunsill approva u se jsiru wara li jgħaddi s-Sajf.

14.4.6 Tisqija u qtugħ ta' ħaxix ħażin

Is-Sindku qal li peress li l-kuntratt se jagħlaq fl-aħħar tax-xahar u l-Kunsill se jkollu jerġa' joħroġ is-sejħa, se jkun hemm perjodu mingħajr kuntratt. Għalhekk ġie ssuġġerit li sakemm jingħata kuntratt ġdid, jingħata servizz bażiku (tisqija u qtugħ ta' ħaxix ħażin) permezz ta' *Direct Order.* Il-Kunsill approva u s-SE se ġġib kwotazzjonijiet.

14.4.7 *Bins* – Triq l-Imdina u Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

Is-Sindku infurma li l-kuntrattur tal-knis talab li jinbidlu l-*bins* ta' Triq l-Imdina u Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina (k/m Triq Birbal) u jsiru bħal ma' hemm fejn il-Każin tal-PN għax li hemm żgħar u qed jimtlew malajr. Il-Kunsill approva u se nġibu kwotazzjonijiet.

## 14.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

14.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 14.7 Jum Ħal Balzan 2025

14.7.1 Rikonoxximent - Ġieħ Ħal Balzan 2025

Is-Sindku issuġġerixxa li jingħata Rikonoxximent ieħor lill-Kummissjoni tan-Nar tas-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata, flimkien ma' dawk li ġew approvati fil-laqgħa li għaddiet. Dan għar-Rekord Nazzjonali li kisbu waqt ix-xow tal-karti fil-festa. Il-Kunsill unanimament approva.

14.7.2.1 Jum Ħal Balzan

Is-Sindku infurma li l-PBS se jkunu qed itellgħu programm għax-xitwa, fejn kull nhar ta' Ħadd filgħodu jmorru fil-pjazez tal-irħula b'xandira diretta, fejn se jkunu qed jagħmlu intervisti man-nies u Quddiesa mxandra mill-lokal. Huma qed jippruvaw jabbinaw ix-xandira meta jkun hemm xi attività fil-lokalità. Is-Sindku kellu laqgħa ma' Angie Laus, fejn ipproponiet it-2 ta' Novembru 2025. Il-Kunsill approva.

14.7.2.2 Għalhekk, bil-kontra ta' li sar is-sena l-oħra, il-Każin tal-Banda San Gabriel se jdoqqu fis-serata mużikali tas-Sibt 25 ta' Ottubru 2025 filgħaxija flimkien ma' artisti oħra, filwaqt li s-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata il-Ħadd 2 ta' Novembru 2025 filgħodu.

14.7.2.3 Għas-serata tas-Sibt, se jiġu mistiedna ż-żewġ Każini tal-Baned, iż-żewġ Każini politiċi u ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ biex jarmaw *stands* bl-ikel.

14.7.2.4 L-attività tal-Ħadd se tikkonsisti f'Quddies ta' Ringrazzjament, marċ mill-Banda Filarmonika Marija Annunzjata, Għotja ta' Ġieħ Ħal Balzan u l-attività tal-PBS. Se nippruvaw inġibu xi nies li jbiegħu prodotti artiġġjanali. Se nistaqsu l-Każini tal-Baned biex jarmaw il-pjazza għal din l-attività.

14.7.2.5 Se ninfurmaw lir-Reġjun Tramuntana b'dawn l-attivitajiet, peress li se jiġu iffinanzjati permezz ta' fondi tar-Reġjun.

## 14.8 Skemi Finanzjarji

14.8.1 SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa

Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/03/2025 ġiet approvata. Il-Kunsill kien applika biex issir *Clean-up* nhar is-Sibt 13 ta' Settembru 2025. Il-Kunsillier AG se tieħu ħsieb l-organizzazzjoni.

14.8.2.1 SPI/SCI/04/2023 – Skema ta' Finanzjament – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati

Is-SE infurmat li l-DGL approvaw l-estensjoni ta' din l-iskema sal-aħħar tas-sena 2025. Is-Sindku infurma li wara

li fil-laqgħa li għaddiet, il-Kunsill iddeċieda li jtemm il-kuntratt biex tiġi nstallata s-sistema tas-*CCTV cameras* minħabba dewmien mill-kuntrattur, saret laqgħa mal-kuntrattur fejn spjega li dan id-dewmien kien peress li l-apparat dam ma' wasal minn barra minn Malta. Il-kuntrattur infurma li l-apparat jinsab kollu Malta u għalhekk jista' jiġi nstallat.

14.8.2.2 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament approva li tiġi irtirata d-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa li għaddiet u jmexxi b'dan il-kuntratt. Is-SE infurmat li applikajna għall-permess tat-*trenching* biex ikunu jistgħu iħaffru fil-bankina biex jiġu installati l-arbli. Kif jinħareġ il-permess minn TM, il-kuntrattur ikun jista' jinstalla l-apparat.

## 14.9 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

14.9.1 <u>Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>

Is-SE infurmat li l-iskultur għandu bżonn ritratti ta' Mons. Dun Ġwann Dimech biex ikun jista' jaħdem il-bust (u mhux abbozz). Is-SE infurmat ukoll li qed tistenna kwotazzjonijiet għall-pedestall.

## 14.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

14.10.1 <u>Fondi mill-ERA għal Tisbieħ f'Wied Ħal Balzan</u>

Il-Kunsill approva l-istima (BOQ) aġġornata tal-proġett propost għal Wied Ħal Balzan k/m Triq San Franġisk. L-istima tammonta għal €26,741.52c, fejn l-ERA se jkunu qed jiffinanzjaw l-ammont ta' €10,482 tal-ispiża.

14.10.2.1 <u>Talba biex jiġu rilokati 2 gabbani tal-festa</u>

Il-Kunsill irċieva talba mill-Każin tal-Banda San Gabriel biex jiġu rilokati 2 gabbani tal-qubbajt għax waħda (Posta Nru. 16) tarma eżatt quddiem l-għarmar tal-festa u l-oħra (Posta Nru. 17) tarma b'tali mod lid-dawl tagħha jmiss mal-bnadar tal-festa, b'riskju ta' xi inċident.

14.10.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva li dawn iż-2 gabbani jersqu aktar l'isfel fil-fetħa n-naħa tad-djar fejn Posta Nru. 23, 11 u 20.

**F'dan il-ħin (6.54pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-7.00pm.**

14.10.3 <u>Talba biex jitwal dyl mal-ġenb ta' garaxx fi Triq Wiġi Ebejer</u>

Resident qed jitlob biex jitwal id-dyl li għandu mal-ġenb tal-garaxx biex ikollu aċċess aħjar. Is-SE infurmat li saret spezzjoni u ġie kkonfermat li diġà għandu *clearance* ta' 1.07m, apparti minn hekk il-parking bay li hemm maġenbu qiegħda skond l-i*specifications*. Se niċċekkjaw ma' TM jekk nistgħux inċekknu ftit il-*parking bay* biex jiżdied id-*dyl* mal-ġenb tal-garaxx.

14.10.4 <u>Talba biex jitneħħa *parking* u jsir dyl minflok – faċċata 139, Triq San Franġisk</u>

Resident qed jerġa' jitlob biex jitneħħa *parking* mill-faċċata tal-entratura tad-*driveway* u minflok isir *dyl* għax qed biżżejjed spazju fit-triq biex tikkwartja karozza. Din it-talba diġà ġiet diskussa ftit xhur ilu u ma kienitx ġiet approvata. Fl-opinjoni tal-Kunsill, ma kien hemm l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi li jimmerita bidla fid-deċiżjoni.

## 14.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 07/25, li tinkludi l-ammont ta' €62.74c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2025.

14.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

14.11.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier MLB assentat ruħha mill-approvazzjoni ta' pagament nru. 45 (transazzjoni nru. 169/25).

## 14.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.05pm.

14.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Awwissu 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, l-Erbgħa, 27 ta' Awwissu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |